MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 56/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**Carmel Saliba ta' 56 sena, bin Joseph u Josephine nee' Calleja, imwieled Zebbug, Ghawdex, fl-10 ta' Gunju 1955, residenti fi 63, Charchris, Triq il-Knisja, Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 38055(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, Carmel Saliba, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn id-29 ta' Mejju 2008 u l-25 ta' Jannar 2010, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita tieghu ta' Sindku fil-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha u zamm ghandu laptop tal-ghamla Dell Inspiron b'valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex, liema kompjuter kien gie fdat jew ikkunsinjat lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necssarju.

Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita tieghu ta' Sindku fil-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-1 ta' Dicembru 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in dizamina, l-imputat fil-kapacita tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex qed jigi akkuzat bir-reat tal-approprazzjoni indebita, kif ukoll bir-reat hekk imsejjah *peculato* jew *embezzlement* u dana kif rifless fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Illi fuq il-fattispecje ta' dana l-kaz ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni billi l-imputat stess jammetti illi huwa kien jaghmel uzu personali mill-*laptop* kompjuter fdat lilu u anke kien jippermetti lill-uliedu jaghmlu uzu minnu ghall-affarijiet personali taghhom. Dak li l-Qorti trid tara allura huwa jekk dawn il-fatti jammontawx ghal xi ksur tad-dritt penali o meno.

Illi l-pulizija ezekuttiva bdew l-investigazzjonijiet taghhom fuq dana l-kaz wara ittra li dehret fuq il-harga tal-gurnal l-Orizzont tat-30 ta' Novembru 2009 miktuba mill-kunsillier Joseph Camilleri, fejn huwa kien qieghed jilmenta minn certi nuqqasijiet li kien qed josserva fil-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex fejn huwa jokkupa l-kariga ta' kunsillier. Fost dawn l-ilmenti kien hemm il-kwistjoni ta' kompjuter *laptop* li nxtara mis-Sindku mill-fondi tal-Kunsill Lokali u li hu jallega li kien qed jintuza mis-Sindku u l-familja tieghu ghall-uzu personali taghhom.[1] In segwitu ghal dina l-ittra s-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, li f'dak iz-zmien kien l-Onorevoli Chris Said kien baghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn talbu sabiex jinvestiga dana l-ilment.[2] Minn hawn ghalhekk skattat l-invetsigazzjoni tal-pulizija fejn l-imputat gie arrestat u interrogat.

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi l-istorja ta' dana l-*laptop* bdiet fil-laqgha tal-Kunsill ta' nhar it-18 ta' Dicembru 2007. F'dina l-laqgha l-imputat fil-kapacita tieghu ta' Sindku kien ippropona li jinxtara kompjuter ghall-ufficcju tieghu. Mill-minuti tal-laqgha in kwistjoni jidher testwalment illi:

---

[1] Ara dokuments ebiet a fol.17 tal-process.
[2] Ara ittra esebieta Dokument AG1 a fol.16

"**Il-Kunsill approva x-xiri ta' kompjuter ghall-ufficcju tas-Sindku**." [3]
Illi fil-laqgha sussegwenti tal-15 ta' Jannar 2008, il-minuti tal-laqgha tat-18 ta' Dicembru 2007 gew approvati u iffirmati. [4]

Wara dan jidher illi l-imputat ha l-izbriga li jixtri l-kompjuter huwa nnifsu minn ghand certu Raymond Grech ghal prezz ta' €920. Jidher illi l-s-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Diane Tagliaferro, li hija responsabbli mix-xiri tal-assi tal-Kunsill halliet f'idejn is-Sindku f'dina l-okkazzjoni partikolari. Jidher illi l-imputat ghalhekk xtara l-*laptop* mertu ta' dina l-kawza u mhux kompjuter fiss biex jigi installat fl-ufficcju tieghu. Fil-laqgha imbaghad tat-02 ta' Gunju 2008 giet approvata l-ispiza ghax-xiri ta' dana l-*laptop* ghal prezz ta' €920 u giet ipprezentata l-*invoice* in konnessjoni mal-istess. Il-minuti gew approvati mbaghad fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2008[5]. Jidher ghalhekk illi hadd mill-kunsilliera sa dan il-punt ma kien ressaq xi oggezzjoni ghal fatt illi s-Sindku kien akkwista kompjuter *laptop* minflok kompjuter fiss ghall-ufficcju tieghu. Jidher anzi illi l-kunsilliera kollha kienu konsapevoli tal-fatt illi s-Sindku issa kellu dana l-*laptop* u kien hemm minnhom li jghidu illi anke kienu jarawh idur bih f'bagalja.[6]

Illi minn hawn is-Sindku beda jiehu dana l-*laptop* mieghu lejn id-dar. Hawnhekk jidher illi apparti li kien jaghmel uzu minnu l-imputat fix-xoghol tieghu ta' Sindku, huwa kien jippermetti lit-tfal tieghu, b'mod specjali lil bintu Terry Anne Saliba, tuza dana l-*laptop* ukoll ghall-affarijiet personali taghhom. Fil-fatt mir-rapport esebit mill-espert nominat mill-Qorti, Dr. Martin Bajada, jidher illi minn fuq il-*hard disk* ta' dana l-kompjuter gew mahruga diversi files li kellhom x'jaqsmu mal-istudji tat-tfal tal-imputat fosthom tal-*hairdressing* u anke xi *assignments* ohra tal-iskola[7]. Dana l-fatt mhux ikkontestat mill-imputat. L-imputat madanakollu jsostni illi huwa kien juza l-*laptop* id-dar ghax-xoghol

[3] Ara Dokument DT1. a fol.38
[4] Ara Dokument a fol.368
[5] Ara Dokumenti a fols. 353 sa 367
[6] Ara xhieda tal-Vici-Sindku Joseph Bajada a fol.96
[7] Ara rapport ta' Dr. Martin Bajada Dokument MB a fol.109 et. seq.

relatat mal-kariga tieghu ta’ Sindku tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug u kien anke jibqa’ ghaddej bix-xoghol sa bil-lejl. Ighid ukoll illi bintu Terry Anne gieli ghenitu biex jaghmel xi xoghol tal-Kunsill ukoll u dana minghajr ma qatt talbet remunerazzjoni ghal dana x-xoghol. Huwa jgib bhala ezempju il-festa organizzata mill-Kunsill Lokali imsejha *Ilwien ir-Rebbiegha* organizzata bejn l-24 u s-26 ta’ April 2009.[8] L-imputat isostni illi l-*laptop* dejjem baqa’ proprjeta tal-Kunsill Lokali u qatt ma ghamlu tieghu. Fil-fatt huwa irregistrat fuq il-lista tal-assi tal-Kunsill Lokali u dejjem baqa’ hekk irregistrat.[9]

Gara imbaghad illi f’Lulju tal-2009 sehhet hsara fil-*laptop*. L-imputat ighid illi dina l-hsara sehhet bi traskuragini tieghu meta kisser il-*monitor* tieghu. Dina l-hsara issewwiet mill-istess Raymond Grech minn fejn kien inxtara l-*laptop* u dana ghal prezz ta’ €198.[10] Illi dina l-ispiza giet irregistrata fil-laqgha tal-Kunsill tad-29 ta’ Lulju 2009.[11] Il-minuti ta’ dina l-laqgha mbaghad gew approvati fil-laqgha sussegwenti tal-25 ta’ Awwissu 2009. F’dina l-laqgha madanakollu il-kunsilliera Joseph Camilleri u Victor Refalo ghamlu xi mistoqsijiet in konnessjoni mal-hsara ta’ dana l-*laptop* u cioe’ mistoqsijiet dwar meta kien inkiser, min kissru, kif inkiser u fejn kien meta nkiser. Ghall-ewwel darba l-kunsillier Joseph Camilleri talab raguni ’il ghala kien inxtara *laptop* meta l-Kunsill kien approva x-xiri ta’ kompjuter ghall-ufficcju tas-Sindku. Ghal dawn il-mistoqsijiet l-imputat ma kienx ta twegiba la f’dik il-laqgha u lanqas f’ebda laqgha ohra. Gie mistoqsi wkoll l-imputat fejn kien jinsab il-*laptop* u huwa wiegeb illi l-*laptop* kien jinsab fil-pussess tieghu.[12]

Wara dana l-Kunsillier Camilleri kien ressaq l-ilment tieghu fuq il-gazzetta kif diga nghad u minn hawn inbdew il-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat.

---

[8] Ara Dokument CS2 a fol.329 sa 333
[9] Ara Dokument CG1 a fols. 24 sa 30. Il-laptop jidher irregistrat a fol.30
[10] Ara invoice a fol.352
[11] Minuti a fol.343
[12] Ara minuti a fol.334

**Ir-Reat tal-Approprazzjoni Indebita**.

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.

“Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta’ dan ir-reat ta’ approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l’animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta’ ghaliex f’dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe’ japproprja ruhu minnha, jew ibiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta’ haddiehor” (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007)

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-9 ta’ Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dana ir-reat.

“Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b’mod</u>

specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:
"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[13]

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Gauci** deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana r-reat:
"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull

[13] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta;*

*l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi mill-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misappropprazzjoni jidher illi dana r-reat huwa bbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li jkun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma jridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih.

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta mhux ikkontestat illi l-imputat gie fdat lilu kompjuter laptop u dana sabiex huwa jaghmel uzu minnu fil-manzjonijiet tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien juza dana l-kompjuter fix-xoghol tieghu, izda madanakollu kien jippermetti lil uliedu wkoll juzaw dana l-kompjuter ghal uzu personali taghhom u f'affarijiet li huma ghal kollox estranji ghax-xoghol tal-Kunsill. Madanakollu dana l-agir da parti tal-imputat iwassal ghal sejbien ta' htija ghar-reat ta' approprazzjoni indebita? X'kienet l-intenzjoni tal-imputat meta huwa akkwista l-*laptop* kompjuter mertu ta' dina l-kawza? Hemm bizzejjed provi fl-atti li jindikaw id-*dolo* necessarju ghal kummissjoni ta' dana r-reat?

Illi jidher illi l-imputat fl-ebda hin ma intenta jixtri *laptop* minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill jew ad insaputa tal-istess. Jidher illi huwa ressaq mozzjoni *ad hoc* fil-laqgha tal-Kunsill, liema mozzjoni giet approvata. Huwa minnu illi l-mozzjoni kienet tindika illi kellu jinxtara kompjuter ghall-ufficcju tas-Sindku, izda ghalkemm is-Sindku xtara *laptop* kompjuter minflok wiehed fiss dana ma sehhx bil-mohbi

tal-membri l-ohra tal-Kunsill, tant illi huwa sahansitraipprezenta l-*invoice* relattiva li wkoll giet approvata mill-Kunsill. Illi l-Prosekuzzjoni targumenta illi ma kienx fil-manzjonijiet tas-Sindku li jiehu l-izbriga li jixtri l-kompjuter huwa stess ghax dina hija fdata f'idejn is-Segretarja Ezekuttiva, izda ghalkemm dana huwa minnu, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm xi abbuz da parti tal-imputat fil-kariga tieghu meta mar jixtri l-kompjuter huwa stess, tant illi jidher illi s-Segretarja Ezekuttiva giet informata b'dana u l-kompjuter tnizzel bhala formanti parti mill-assi tal-istess Kunsill. F'dana r-rigward hija rilevanti ferm ix-xhieda moghtija minn Martin Bugelli meta ighid:
"**Il-hlasijiet ta' l-amministrazzjoni hija vested ghand is-segretarju ezekuttiv, imma generalment il-kunsilliera, il-work practice huwa li l-kunsilliera u s-sindku, specjalment is-sindku huma awtorizzati li jaghmlu li jkun hemm bzonn jaghmlu**."[14]
Dini x-xhieda tirrifletti dak li tghid il-ligi fl-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta) meta jinghad fl-artikolu 26 tieghu:
"Is-Sindku jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill għall-finijiet kollha taħt dan l-Att u ghandu jippresjedi l-laqghat kollha <u>u jissorvelja l-funzjonijiet kollha tal-Kunsill</u>. (sottolinjar tal-Qorti).

Ikompli Martin Bugelli:
"**Ix-xiri ta' kwalunkwe haga li ssir mill-Kunsill Lokali generalment il-hlasijiet taghhom iridu jghaddu mill-Kunsill u jigu esebiti bhala schedule of payments …"**

Illi minn dana jidher ghalhekk illi l-imputat fil-vesti tieghu ta' Sindku kien awtorizzat jixtri l-kompjuter *laptop* jekk dehrlu illi dana kien necessarju ghal qadi ta' dmirijietu u ma ghamel xejn hazin meta mar u xtrah hu, dment madanakollu illi l-hlas tieghu jigi approvat mill-Kunsill u jigi esebit fix- *schedule of payments*. Mill-qari tal-minuti hawn fuq riferiti jidher illi hekk sar u kwindi l-Qorti ma tirriavisa l-ebda cirkostanza fix-xiri tal-istess li tista' timplika lill-imputat fil-kummissjoni tar-reat kriminali.

[14] Ara xhieda ta' Martin Bugelli a fol.85

Illi stabbilit dana l-fatt, il-Qorti issa trid tara jekk l-uzu li ghamel l-imputat minn dana l-*laptop* kompjuter li gie fdat lilu wassalx ghal kummissjoni tar-reat tal-approprjazzjoni indebita. Illi kif diga nghad l-imputat ma jikkontestax il-fatt illi kien isir uzu minn dana l-kompjuter ghal htigijiet personali tal-familja tieghu u tieghu stess. Izda l-Qorti ma tistax tqis illi dana l-uzu wassal sabiex l-imputat approprja ruhu minn dana l-*laptop*. Sabiex dana jsehh il-Prosekuzzjoni jinhtigielha tipprova illi l-intenzjoni tal-imputat kien illi jaghmlu tieghu u cioe' li jsir qisu l-proprjetajru tieghu u ghalhekk jiddisponi minnu bhallikieku huwa s-sid. Illi l-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma lahhqitx il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp penali ghall-kummissjoni ta' dana r-reat. Li kieku l-imputat ittrasferixxa l-*laptop* lil terzi jew inkella kien jikrieh lil haddiehor biex b'hekk ghamel xi qliegh ghalih innifsu, allura iva, hemmhekk jirraffigura r-reat ikkontemplat, izda ma hemmx prova illi l-imputat ghamel dan. Xi qliegh seta' ghamel l-imputat billi ippermetta lil uliedu juzaw dana l-kompjuter? U jekk stess dana jirrizulta kif ser jigi ikkwantifikat dana il-qliegh? Wiehed forsi jista' jghid illi l-imputat kien qieghed jabbuza mill-kariga tieghu meta kien jippermetti lill-uliedu jaghmlu dan, izda b'daqshekk ma jfissirx illi qed isir hati ta' reat kriminali!  Kif gustament ighid l-awtur Luigi Maino, iccitat iktar 'il fuq, l-intenzjoni kriminali ta' dana r-reat huwa dak illi jsir il-qliegh. Dana l-fattur wahdu jiddistingwi dana r-reat minn fatt illegittimu ta' vjolazzjoni tal-ftehim maghmul mal-agent.

Ghalhekk huwa minhabba f'dana l-element legali rikjest ghall-kummissjoni ta' dana r-reat, li f'dana l-kaz ma giex ippruvat, illi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tal-kummissjoni tal-istess. L-imputat stess ighid illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi l-*laptop* kien proprjeta tal-Kunsill Lokali u fl-ebda hin ma kellu l-intenzjoni li jaghmlu tieghu u jiddisponi minnu kif irid u kif joghgbu. Dak li kien jigri kien illi meta dana l-laptop kien ikun id-dar l-imputat kien jippermetti lill-uliedu juzawh, fatt illi ghalkemm mhux gustifikabbli u legittmu fih innifsu, madanakollu ma jammontax ghal reat kriminali. Illi dana n-nuqqas messu gie indirizzat f'*forum* iehor, kif del resto jidher illi gew

indirizzati lmenti ohra li saru kontra l-imputat bhala sindku, izda mhux fil-forum penali.

Ikkunsidrat:

**L-*Embezzlement* – Artikolu 127 tal-Kapitolu 9**

Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-*dolo* mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo:
"*Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain*." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding:
***"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is <u>fraudulently</u> substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."***

Jidher ghalhekk illi l-*mens rea* fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b'mod frawdolenti biex b'hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess.

Illi l-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi l-intenzjoni tal-imputat kienet illi jaghmel uzu hazin jew b'mod frawdolenti mill-oggett li gie fdat lilu u dana sabiex jikseb xi vantagg personali. Ma hemmx provi fl-atti illi l-imputat akkwista dana l-*laptop* kompjuter ad insaputa tal-membri tal-Kunsill u bi flus tal-Kunsill sabiex b'hekk huwa jakkwista kompjuter ghalih personali u ghal uliedu. Illi ghalkemm issir allegazzjoni fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza illi l-imputat akkwista dana l-kompjuter ghaliex dak tieghu personali tad-dar ma kienx

qed jahdem sew, din izda hija biss allegazzjoni u ma gietx issostanzjata bl-ebda prova. Id-difiza minn naha taghha ressqet provi sal-grad rikjest minnha fil-ligi, illi l-imputat kien akkwsita dana l-*laptop* biex l-imputat ikun jista' jaghmel ix-xoghol ghal Kunsill Lokali mid-dar tieghu, kif jidher illi kien jaghmel. Fuq kollox minn natura tieghu il-*laptop* huwa intiza biex wiehed ma jkunx kostrett jahdem minn post fiss izda joffri iktar flessibilita' lill-individwu fix-xoghol tieghu. Wiehed jista' ighid illi llum il-gurnata l-*laptop* huwa essenzjali bhala ghodda fix-xoghol. Il-Qoti ma tqisx illi x-xewqa tal-imputat fil-kapacita tieghu ta' Sindku li jigi akkwistat *laptop* ghal Kunsill hija xi rikjesta esagerata jew inawdita. Altrocche' huwa inawdit illum il-gurnata illi Kunsill Lokali ma jkollux ghodda bhal *laptops*, *mobile phones*, kompjuters u oggetti ohra simili sabiex kemm is-sindku kif ukoll il-kunsilliera jkunu jistghu jaqdu l-funzjonijiet taghhom ahjar. Ma hemmx provi illi l-intenzjoni tas-Sindku kien mod iehor minn dak illi l-Kunsill ikollu *laptop* wiehed fl-assi tieghu, *laptop* illi huwa jkun jista' jiehdu mieghu id-dar, jiehdu mieghu fil-laqghat illi jista' jkollu barra l-ufficcju jew li jista' jiehdu mieghu meta jkun hemm xi attivita tal-Kunsill. Fil-fatt fil-Memo bin-numru 120/2010 dwar Uzu ta' *Laptops* mahruga mill-Ufficcju tal-Prim Ministru u iffirmata minn Martin Bugelli bhala Direttur Generali tal-Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika jinghad testwalment:

"***Laptop mixtri mill-Kunsill Lokali huwa proprjeta tal-Kunsill u ghaldaqstant, malli jinxtara dan ghandu jiddahhal fl-inventarju tal-Kunsill. Pero in-natura u l-iskop ta' laptop huma l-possibilita' tieghu li jingarr u jkun jista' jintuza' f'iktar minn post wiehed kemm bhala stand alone, kif ukoll b'konnessjoni permezz ta' network jew ta wifi.***

***Ghaldaqstant hija haga naturali li jista' jintuza ghal xoghol tal-Kunsill barra mill-premises tal-Kunsill, dejjem sakemm ikunu sodisfatti z-zewg kriterji segwenti:***

***1. Il-laptop dejjem jibqa' jidher bhala wiehed mill-assi tal-Kunsill Lokali u;***

***2. il-laptop ikun registrat ghand is-Segretarju Ezekuttiv bhala li qieghed jintuza mis-Sindku barra mill-ufficcju.***

***Is-Sindku jassumi r-responsabbilta' tal-laptop waqt li jkun fil-pussess tieghu/taghha barra mill-bini tal-Kunsill Lokali"***.[15]

Jidher illi f'dana l-kaz dawn il-kriterji gew osservati billi l-*laptop* dejjem kien jidher bhala formanti parti mill-assi tal-Kunsill Lokali u s-Segretarja Ezekuttiva Diane Tagliaferro tiddikjara illi hija kienet taf illi l-*laptop* kien ikun ghand is-Sindku. Ma jidhirx ghalhekk illi hemm provi fl-atti li jindikaw illi l-imputat ghamel uzu hazin minnu bi skop frawdolenti u biex jaghmel xi qliegh personali. Dina l-prova ma saritx u kwindi l-Qorti ma tistax issib htija lanqas ghal dina t-tieni akkuza.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi mijuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[15] Ara Dokument CG2 a fol.31